MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Numru 421/2004

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
CLYDE BONAVIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Clyde Bonavia ta’ 19-il sena, iben Anthony u Lilian nee’ Brincat, imwieled Pieta’ data tat-twelid 09/08/1984, residenti fil-fond numru 10, Fuq Verdala, Bormla, u/jew 69, Triq Sant’Alphonsu, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 410684(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar id-29 ta’ Mejju, 2004, gol-Lock Up Kwartieri Generali tal-Pulizija, ghal habta tat-20:00 ta’ filghaxija;

a) Ingurjha jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 418 John Rapinett u PC 1070 Florain

Farrugia bhala ufficjali inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini ta' l-Artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap.9;

b) U aktar talli fl-istess post, data, u hin attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesh vjolenza pubblika kontra PC 418 John Rapinett u PC 1070 Florain Farrugia, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, ai termini ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll talli ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 418 John Rapinett u PC 1070 Florain Farrugia skond ma ccertifika t-tabib Dr. J. Debono M.D., tad-Dipartiment tal-Kura Primarja;

d) U aktar talli l-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (fil-verbal datat 28 ta' Ottubru 2008);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat Clyde Bonavia, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 95, 96, 221, 338dd tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat, l-eta' giovanili tieghu, l-fedina penali xejn felici ta' l-imputat u in vista tal-fatt li l-imputat qieghed isegwi programm ta' Rijabilitazzjoni kontra d-Droga fi hdan is-SATU.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------